31995D0235

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Ġunju 1995

li temenda d-Deċiżjoni 95/90/KE li tpoġġi kondizzjonijiet speċifiċi għall-importazzjoni ta' prodotti ġejjin mis-sajd u l-akwakultura mill-Albanija

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(95/235/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tpoġġi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti ġejjin mis-sajd [1], kif emendat l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Fillandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(5) miġjub fih,

Billi l-lista ta' stabbilimenti approvati mill-Albanija għall-importazzjoni ta' prodotti li ġejjin mis-sajd u mill-akwakoltura fil-Komunità saret fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/90/KE [2]; billi din il-lista tista' tiġi emendata wara l-komunikazzjoni ta' lista ġdida mill-awtorità kompetenti fl-Albanija;

Billi l-awtorità kompetenti fl-Albanija baghtet lista ġdida bižżieda ta'żewġ stabbilimenti, u bil-modifikazjzoni tad-data ta' żewġ stabbilimenti;

Billi huwa meħtieġ li tiġi emendata l-lista ta' stabbilimenti approvati b'mod xieraq;

Billi l-miżuri li hemm provdut għalihom f'din id-Deċiżjoni saru f'konformità mal-proċedura mqiegħda mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/13/KEE [3],

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness B mad-Deċiżjoni 95/90/KE jinbidel bl-Anness lil din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Ġunju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 70, tat-30.3.1995, p. 27.
[3] ĠU L 8, tal-11.1.1990, p. 70.

L-ANNESS

"L-ANNESS B

LISTA TA' STABILIMENTI

Numru ta' approvazzjoni	Stabiliment	Indirizz	Limitu tad-data ta' approvazzjoni
1	Konservimi Adriatik	Durres	tal-31.12.1995
2	Vival Novosel	Vlore	tal-31.12.1995
3	Kap	Kavaje	tal-31.12.1995
4	Albamar	Durres	tal-31.12.1995
5	Aulona-Peshk	Vlore	tal-31.12.1995
6	Pesca Adriatik	Vlore	tal-31.12.1995
7	Sangiovani	Lezhe	tal-31.12.1995
8	Italpeshk	Durres	tal-31.12.1995
9	Peshk Karavasta	Lushnje	tal-31.12.1995
10	Toma	Lezhe	tal-31.12.1995
11	Ihtisara	Sarande	tal-31.12.1995
12	Limjon Peska	Sarande	tal-31.12.1995
13	Acquario-Sali Peshk	Vlore	tal-31.12.1995
14	N. Peshkimi	Shkoder	tal-31.12.1995
15	Adriapeshk	Durres	tal-31.12.1995
16	Goga-Shengjin	Lezhe	tal-31.12.1995
17	Rayk	Durres	tal-31.12.1995
18	Llajo	Saranda	tal-31.12.1995"